MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.<br>JOSEPH BONNICI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2260/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Wetz u l-istess Anthony Wetz**

**Vs**

**Larry Muscat**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm558.74 (hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) in linea ta' danni konsegwenza ta' kollizjoni li sehhet fis-7 ta' Lulju 2003 meta waqghu kaxxi tal-minerali minn fuq trakk IAA 481 fuq vettura WTZ 021.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali prezentati fit-30 ta' Settembru 2003 u 12 ta' Novembru 2003 u bl-interessi kontra l-konvenuta ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-24 ta' Novembru 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-26 ta' Jannar 2004 il-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------